MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 361/2010

Kawza fil-lista: 73

***A B V C***
**vs**
***P B***

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewwgu fil-31 ta’ Ottubru 2005; li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta;  ghalhekk qed titlob li din il-Qorti tiddikjara dan iz-zwieg null, u tawtorizza d-debita registrazzjoni tas-sentenza fuq l-att taz-zwieg relattiv; bl-ispejjez.

Rat li l-konvenut, debitament notifikat, baqa’ kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz l-affidavit prezentat;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fil-31 ta’ Ottubru 2005 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet huwa vizzjat fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

**Il-Fatti**
Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fl-imsemmija data, meta allura l-attrici kellha 18-il sena u l-konvenut kellu 23 sena, u wara li kienu ilhom johorgu flimkien circa sena u nofs. Wara konvivenza matrimonjal ta’ circa sena u nofs, huma sseparaw; u llum ghandhom relazzjoni extra-matrimonjali stabbli ma’ terzi persuni.

L-att taz-zwieg kien isir bi prekawzzjoni; u minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi z-zewg partijiet jghidu li huma ma kienux ippreparati li jizzewwgu f’ dak l-istadju, principalment ghax l-attrici kienet ghadha zghira; izda mill-banda l-ohra omm l-attrici ma kienetx thallilhom liberta’ ta’ xejn, u kienet issikkathom b’ mod li dawn kellhom jizzewwgu biex ikunu flimkien. Di fatti, meta zzewwgu l-attrici kompliet tghix fid-dar tan-nanna materna, flimkien mal-konvenut, allura zewgha.

Illi l-partijiet mill-bidu nett taz-zwieg irriskontraw problemi fil-hajja matrimonjali, li kienet karatterizzata bi glied kontinwu, anke peress li l-attrici bdiet turi li kienet riluttanti li taghmel l-att taz-zwieg ma’ zewgha.  Rizultat ta’ dan it-tilwim, l-konvenut telaq mid-dar matrimonjali.

Wara ftit xhur il-partijiet dahhlu f’ relazzjoni stabbli ma’ terzi persuni.

Illi l-Qorti, wara li semghet liz-zewg partijiet, hija tal-fehema li f’ dan il-kaz jezisti l-*caput nullitatis* kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta’ l-artikolu precitat, stante li huma dahhlu f’ dan iz-zwieg minghajr ma kienu jafu sewwa lil xulxin, bir-rizultat li mal-konvivenza dawn skoprew li huma kienu nkapaci, mhux biss li jassumu l-obbligi tal-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproka, il-prokreazzjoni u t-trobbija tat-tfal, izda li ma setghux lanqas jghixu taht saqaf wiehed – u dan mill-bidu nett taz-zwieg.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fil-31 ta’ Ottubru 2005.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------